Is-Sibt fil-għodu kelli mmur s'għand iz-Ziju Chris biex jgħinni ftit fil-proġett tal-Malti. Imma waqt li kont għandu bdiet tuġagħni zaqqi. Tuġagħni u zzid tuġagħni sa ma fl-aħħar kelli nitlaq lura lejn id-dar.

Kif dħalt id-dar bqajt tiela' lejn kamarti, imma malli ftaħt il-bieb insib lil ħija Andrew jaqbez u joqmos fuq is-sodda tiegħi. Kien liebes il-flokk tas-Superman li kont għadni kemm qlajt. Dak il-ħin demmi tela' għal rasi u nsejt l-uġigħ ta' zaqq kollu li kelli. Ħtaft il-kuxin minn fuq is-sufan u waddabthielu. It-tieqa nzertat miftuħa. U l-kuxin, flok ma laqtet lil ħija Andrew baqgħet ħierġa 'l barra.






JAZ·33

Jane kienet għaddejja minn fuq il-bankina. Kmieni fil-għodu kienet marret għand bintha Marija u nsiet iċ-ċwievet tad-dar għandha. Dak il-ħin Jane kienet sejra lura biex iġġibhom. Il-kuxin laqtet lil Jane preċiż ġo rasha. Jane inħasdet, tilfet il-bilanċ u waqgħet fuq il-karozza ta' Richard li kienet ipparkjata taħt il-bankina.

Bl-iskoss ta' Jane, l-alarm tal-karozza xegħel u beda jwerzaq.

